MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 161/2012

**JB Stores Limited (C42601)**

**vs**

**Patricia Calabretta u Sebastiano Calabretta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' rikorrentiipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ergha (4) ta' Mejju 2012 fejn talbet lil Patricia u Sebastiano Calabretta ihallsuha is-somma ta' hames t'elef, sebgha mija, tlieta u ghoxrin Ewro u tmenin centezmu (€5,723.80) rapprezentanti somma certa, likwida u dovuta skont il-ftehim datat it-tnejn (2) ta' Frar 2012 (Dok. A).

Minkejja li gew interpellati ihallsu diversi drabi u minkejja diversi weghdiet li ser ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez kontrihom inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelotarju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma mitluba dekorribli mid-dati li ghalihom issir referenza fil-ftehim sucitat sal-gurnata tal-hlas effettiv.

L-intimati huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012 deher Dr. Kris Borg ghall-konvenuti li pprezenta nota ta' ammissjoni ghat-talba attrici.

**Ghalhekk il-Qorti rat illi t-talba attrici hija gustifikata u tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' hames t'elef, sebgha mija, tlieta u ghoxrin Ewro u tmenin centezmu (€5,723.80) bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur a karigu tal-istess konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------